Parlament Ewropew
2019-2024

Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit

2025/0802(NLE)

3.4.2025

ABBOZZ TA' RAPPORT

dwar il-ħatra proposta ta' Ivana Maletić għall-kariga ta' Membru tal-Qorti tal-Awdituri
(C10-0049/2025 – 2025/0802(NLE))

Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit

Rapporteur: Ondřej Knotek

WERREJ

Paġna

PROPOSTA GĦAL DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW 3

ANNESS 1: *CURRICULUM VITÆ* TA' IVANA MALETIĆ 4

ANNESS 2: TWEĠIBIET TA' IVANA MALETIĆ GĦALL-MISTOQSIJIET 7

PROPOSTA GĦAL DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar il-ħatra proposta ta' Ivana Maletić għall-kariga ta' Membru tal-Qorti tal-Awdituri
(C10-0049/2025 – 2025/0802(NLE))

(Konsultazzjoni)

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 286(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikolu ġie kkonsultat mill-Kunsill (C10-0049/2025),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 133 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A10-0000/2025),

A. billi, bl-ittra tal-14 ta' Marzu 2025, il-Kunsill ikkonsulta lill-Parlament Ewropew dwar il-ħatra ta' Ivana Maletić għall-kariga ta' Membru tal-Qorti tal-Awdituri;

B. billi l-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit tiegħu evalwa l-kwalifiki tal-kandidata proposta, b'mod partikolari fir-rigward tal-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 286(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea; billi, fil-qafas ta' din l-evalwazzjoni, il-Kumitat irċieva mill-kandidata *curriculum vitae* kif ukoll it-tweġibiet tagħha għall-kwestjonarju miktub li kien indirizzat lilha;

C. billi dan il-Kumitat imbagħad, fl-14 ta' Mejju 2025, ipproċeda b'seduta ta' smigħ tal-kandidata, li matulha din għamlet stqarrija preliminari, u wara wieġbet għall-mistoqsijiet li saru mill-membri tal-Kumitat;

1. Jagħti opinjoni favorevoli/negattiva dwar il-proposta tal-Kunsill għall-ħatra ta' Ivana Maletić għall-kariga ta' Membru tal-Qorti tal-Awdituri;

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din id-deċiżjoni lill-Kunsill u, għal skopijiet ta' informazzjoni, lill-Qorti tal-Awdituri kif ukoll lill-istituzzjonijiet l-oħra tal-Unjoni Ewropea u lill-istituzzjonijiet tal-awditjar tal-Istati Membri.

ANNESS 1: *CURRICULUM VITÆ* TA' IVANA MALETIĆ

Ivana MALETIĆ

Edukazzjoni:

Kandidata għal PhD, il-Fakultà tal-Ekonomija, l-Università ta' Rijeka (il-Kroazja)

2012
Master fix-Xjenza fil-Kontabbiltà, l-Awditjar u l-Finanzi, il-Fakultà tal-Kummerċ u tal-Ekonomija, l-Università ta' Zagreb (il-Kroazja)

2004 – 2006
Kontabilist u Awditur Ċertifikat għas-Settur Pubbliku (kors ta' sentejn), CIPFA - Chartered Institute of Public Finance and Accountancy (ir-Renju Unit)

1992 – 1997
Master fl-Ekonomija u fil-Kummerċ, il-Fakultà tal-Kummerċ u tal-Ekonomija, l-Università ta' Zagreb (il-Kroazja)

Esperjenza professjonali:

Lulju 2019 – preżent
Membru, il-Qorti Ewropea tal-Awdituri (l-Awla IV), il-Lussemburgu (il-Lussemburgu)

Lulju 2013 – Ġunju 2019
Membru, il-Parlament Ewropew (Kumitati ECON, REGI u BUDG), Brussell (il-Belġju)

Marzu 2012 – Lulju 2013
President, TIM4PIN - iċ-Ċentru għall-Iżvilupp tas-Settur Pubbliku u tat-Tielet Settur, Zagreb (il-Kroazja)

Frar 2008 – Diċembru 2011
Segretarja tal-Istat, Uffiċjal Nazzjonali tal-Awtorizzazzjoni, Negozjatur għall-Kapitolu 22 u Viċi Kap Negozjatur, il-Ministeru tal-Finanzi (il-Kroazja)

Mejju 2005 – Frar 2008
Assistent Ministru għall-Implimentazzjoni tal-Baġit u Deputat Uffiċjal Nazzjonali tal-Awtorizzazzjoni, il-Ministeru tal-Finanzi (il-Kroazja)

Settembru 2004 – Mejju 2005
Kap tad-Dipartiment tal-Fondi Nazzjonali, il-Ministeru tal-Finanzi (il-Kroazja)

Diċembru 1998 – Settembru 2004
Konsulent, id-Dipartiment għall-Kontabbiltà u r-Rapportar Finanzjarju tal-Gvern, il-Ministeru tal-Finanzi (il-Kroazja)

Diċembru 1997 – Diċembru 1998
Trainee, id-Dipartiment għall-Kontabbiltà u r-Rapportar Finanzjarju tal-Gvern, il-Ministeru tal-Finanzi (il-Kroazja)

Ħidma mal-Qorti Ewropea tal-Awdituri:

Ġunju 2024 – preżent
Membru fil-Kumitat għall-Kontroll tal-Kwalità tal-Awditjar (AQCC)

Ottubru 2019 – Frar 2022
President u Membru tal-Kumitat tal-Awditjar Intern (IAC)

Diċembru 2019 – Ottubru 2021
Membru tal-Kumitat ta' Tmexxija Diġitali (DSC)

Lulju 2019 – Marzu 2020
Membru tal-Kumitat Konsultattiv u ta' Prospettiva Strateġika

Rapporti pubblikati:

Rapport Analitiku 05/2020: Il-mod kif l-UE ħadet kont tat-tagħlimiet meħuda mill-kriżi finanzjarja u dik tad-dejn sovran tal-perjodu 2008-2012

Opinjoni Nru 6/2020 dwar il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (COM(2020) 408)

Rapport Speċjali 07/2022: Strumenti ta' internazzjonalizzazzjoni tal-SMEs: għadd kbir ta' azzjonijiet ta' appoġġ, iżda li mhumiex kompletament koerenti jew ikkoordinati

Rapport Speċjali 15/2022: Il-miżuri biex titwessa' l-parteċipazzjoni f'Orizzont 2020 tfasslu tajjeb, iżda bidla sostenibbli se tiddependi l-aktar fuq l-isforzi mwettqa mill-awtoritajiet nazzjonali

Rapport Speċjali 21/2022: Il-valutazzjoni mill-Kummissjoni tal-pjanijiet nazzjonali għall-irkupru u r-reżiljenza: inġenerali xierqa iżda fadal riskji fl-implimentazzjoni

Rapport Speċjali 23/2022: Sinerġiji bejn Orizzont 2020 u Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej: il-potenzjal kollu tagħhom għadu ma ntużax

Rapport Speċjali 24/2022: Azzjonijiet dwar il-Gvern elettroniku li huma mmirati lejn in-negozji: l-azzjonijiet tal-Kummissjoni ġew implimentati, iżda d-disponibbiltà tas-servizzi elettroniċi għadha tvarja fl-UE kollha

Opinjoni 04/2022 dwar il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) 2021/241 fir-rigward tal-Kapitoli tar-REPowerEU fil-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza u li jemenda r-Regolament (UE) 2021/1060, ir-Regolament (UE) 2021/2115, id-Direttiva 2003/87/KE u d-Deċiżjoni (UE) 2015/1814 [2022/0164 (COD)]

Rapport Speċjali 26/2023: Il-qafas ta' monitoraġġ tal-prestazzjoni tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza: Jitkejjel il-progress li sar fl-implimentazzjoni iżda dan mhux suffiċjenti biex il-prestazzjoni tintwera

Rapport Speċjali 13/2024: Assorbiment ta' fondi mingħand il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza: Qed isir progress b'xi dewmien u għad hemm riskji fir-rigward tat-twettiq tal-miżuri u, għalhekk, l-ilħuq tal-objettivi tal-RRF

Awditi kontinwi:

Ir-riformi tas-suq tax-xogħol fil-pjanijiet nazzjonali għall-irkupru u r-reżiljenza. Hemm xi riżultati, iżda dawn mhux biżżejjed biex jiġu indirizzati l-isfidi strutturali.

Id-disinn u l-implimentazzjoni tar-riformi fl-ambjent tan-negozju fil-pjanijiet nazzjonali għall-irkupru u r-reżiljenza jindirizzaw il-ħtiġijiet tan-negozji ewlenin?

Rapport analitiku dwar l-RRF: Opportunitajiet, sfidi u riskji

Il-Kummissjoni u l-Istati Membri daħħlu fis-seħħ arranġamenti adegwati biex jiżguraw livell xieraq ta' traċċabbiltà u trasparenza fil-finanzjament tal-RRF?

Pubblikazzjonijiet:

- **Kotba:**

1) Maletić, I., Galinec, D., Japunčić, T., Župan, S., *Five years of the Republic of Croatia in the European semester*, l-Uffiċċju tal-MEP Ivana Maletić, Zagreb, 2019

2) Maletić, I., Jakir Bajo, I., Stepić, D., *A Guide to Good Governance in the Public and Non-Profit Sector*, TIM4PIN, Zagreb, 2018
3) Maletić, I., Kosor, K., Ivanković Knežević, K., *et al.*, *My EU Project: A Manual for the Preparation and Implementation of EU Projects*, TIM4PIN, Zagreb, 2018
4) Maletić, I., Kosor, K., Copić, M., et al., *EU Projects – from Idea to Realization*, TIM4PIN, Zagreb, 2016
5) Maletić, I., Bešlić, B., Copić, M., Kosor, K., Kulakowski, N., Zrinušić, N., *EU Project Management*, TIM4PIN, Zagreb, 2014
6) Maletić, I., et. al., *Fiscal Responsibility - Completing Questionnaires, Compiling Plans and Reports*, TIM4PIN, Zagreb, 2013
7) Maletić, I., Stepić, D., Jakir Bajo, I., Knežević, M., Kozina, D., *Fiscal Responsibility and Financial Management*, TIM4PIN, Zagreb, 2012
8) Maletić, I., Jakir-Bajo, I., Zorić, A., *Fiscal Responsibility*, l-Assoċjazzjoni Kroata tal-Kontabilisti u tal-Esperti Finanzjarji, Zagreb, 2011
9) Maletić, I., Vašiček, D., Jakir-Bajo, I., *et al.*, *The Accounting of Budget and Budget Users*, l-Assoċjazzjoni Kroata tal-Kontabilisti u tal-Esperti Finanzjarji, Zagreb, 2008
10) Maletić, I., Jakir-Bajo, I., *Budgetary Planning and Accounting*, iċ-Ċentru għall-Kontabbiltà u l-Finanzi, Zagreb, 2003
11) Maletić, I., Lončar-Galek, D., Mencer, J., *et al.*, *Application of the Budget Accounting Plan 2003/2004*, l-Assoċjazzjoni Kroata tal-Kontabilisti u tal-Esperti Finanzjarji, Zagreb, 2003
12) Maletić, I., Vašiček, V., Vašiček, D., *Introduction to Budgetary Accounting 2002*, l-Assoċjazzjoni Kroata tal-Kontabilisti u tal-Esperti Finanzjarji, Zagreb, 2002
13) Maletić, I., Jakir-Bajo, I., *Budgetary Accounting*, Informator, Zagreb, 2001
14) Maletić, I., Vašiček, D., Jakir-Bajo, I., et al., *Budgetary system: Accounting, Finance, Audit, Taxes*, l-Assoċjazzjoni Kroata tal-Kontabilisti u tal-Esperti Finanzjarji, Zagreb, 2000

- **L-awtriċi ta' aktar minn 250 artiklu pubblikati f'ġurnali domestiċi.**
- **Lettriċi f'diversi konferenzi, diskussjonijiet madwar mejda u seminars fl-Istati Membri.**

ANNESS 2: TWEĠIBIET TA' IVANA MALETIĆ GĦALL-MISTOQSIJIET

Kwestjonarju għat-tiġdid tal-Membri tal-Qorti tal-Awdituri

Qadi tad-dmirijiet: tagħlimiet meħuda u impenji futuri

1. **X'inhuma l-kisbiet ewlenin tiegħek fil-kariga ta' membru tal-QEA? X'kienu l-akbar diffikultajiet?**

Inqis li l-awditi u l-opinjonijiet kollha li ħdimt fuqhom bħala kontribut importanti għall-ħidma tal-UE u għall-effettività, l-effiċjenza, u l-impatt tal-azzjonijiet tal-UE. B'mod partikolari, nixtieq nixħet dawl fuq il-ħidma tiegħi fuq il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRF), fejn kont rapporteur għaż-żewġ opinjonijiet dwar l-abbozzi tar-regolamenti kif ukoll għal diversi rapporti speċjali, bħar-rapporti dwar il-valutazzjoni tal-Kummissjoni tal-pjanijiet nazzjonali għall-irkupru u r-reżiljenza, il-qafas ta' monitoraġġ tal-prestazzjoni, l-assorbiment tal-fondi tal-RRF u r-riformi tal-RRF għas-suq tax-xogħol. F'dawn l-opinjonijiet u r-rapporti kollha, enfasizzajt l-importanza tal-ġestjoni tajba tal-fondi pubbliċi, irrispettivament minn jekk il-finanzjament ikunx ibbażat fuq ir-rimborż tal-kostijiet jew fuq l-issodisfar tal-kundizzjonijiet stabbiliti. Ir-regoli tal-ġestjoni finanzjarja tajba, li jimplikaw il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet sottostanti kif ukoll l-effettività u l-effiċjenza, iridu jkunu fil-qalba ta' kull programm. Barra minn hekk, it-trasparenza tal-infiq pubbliku u r-responsabbiltà huma l-bażi biex tinbena l-fiduċja taċ-ċittadini fl-istituzzjonijiet mhux biss fil-livell tal-UE, iżda wkoll f'kull Stat Membru. Jiena kburija li enfasizzajt dawn il-valuri fl-awditi tal-RRF u, flimkien mal-kollegi tiegħi, qatt ma qtajt qalbi milli ninsisti li l-prinċipji fundamentali stabbiliti fir-Regolament Finanzjarju għandhom jiġu rrispettati.

Wieħed mill-akbar ostakli fir-rigward tal-ħidma tagħna fuq l-RRF kien li niżguraw mhux biss approċċ koerenti għall-awditjar bejn it-timijiet tal-awditjar u l-awli tal-awditjar fi ħdan il-QEA iżda wkoll il-konsistenza fil-messaġġi tagħna. Barra minn hekk, in-novità tal-RRF bħala tali kienet sfida, hekk kif kulħadd kellu jitgħallem fuq qafas legali ġdid u f'xi partijiet li għadu qed jinbidel f'perjodu ta' żmien relattivament qasir. Għal xi whud mill-awditi tagħna, dan wassal biex ir-rapporti tal-awditjar ġew ippubblikati aktar tard minn kemm ippjanajna fil-bidu. Barra minn hekk, l-aċċess limitat għall-informazzjoni, speċifikament l-aċċess limitat għall-FENIX, kien ostaklu għall-awditi tal-RRF bikrija tagħna iżda rnexxielna negħlbu dawn il-limitazzjonijiet, tal-anqas sa ċertu grad.

Minbarra l-ħidma tiegħi fl-awditjar, kont ukoll involuta f'kumitati differenti bħall-Kumitat tal-Awditjar Intern jew il-Kumitat għall-Kontroll tal-Kwalità tal-Awditjar. Wieħed mill-kontributi ewlenin tiegħi bħala President tal-Kumitat tal-Awditjar Intern kien pereżempju r-reviżjoni tar-regoli ta' proċedura tal-kumitat u r-reviżjoni tal-karta tas-servizz tal-awditjar intern. Ir-rwol tiegħi bħala Membru tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Kwalità tal-Awditjar jippermettili nikkontribwixxi b'mod attiv għall-kwalità tar-rapporti tal-awditjar tagħna kif ukoll għall-metodoloġija applikata fil-ħidma tagħna.

2. **X'inhuma t-tagħlimiet ewlenin meħuda fil-qasam ta' kompetenzi tiegħek / ir-riżultati miksuba fid-dmirijiet u l-kompiti tal-awditjar tiegħek?**

Kif iddikjarajt hawn fuq, il-fokus ewlieni tal-ħidma tal-awditjar tiegħi fil-QEA kien relatat mal-RRF. L-RRF ivarja b'mod konsiderevoli fid-disinn u fil-bażi legali minn programmi oħra tal-UE u għaldaqstant kien jitlob li nirriflettu mhux biss fuq l-approċċ tal-awditjar tagħna iżda wkoll fuq il-mod kif naħdmu.

Sa ċertu punt, l-awditjar ta' "strument ibbażat fuq il-prestazzjoni" jisfuma l-linja bejn l-awditi tal-prestazzjoni u l-awditi dwar il-legalità u r-regolarità tal-finanzjament tal-UE. Waħda mill-kisbiet tiegħi kienet li kkontribwejt b'mod sinifikanti għall-ħidma tagħna u għat-tiswir tagħha fuq dan l-istrument il-ġdid u li żgurajt il-koerenza bejn kompiti differenti. Barra minn hekk, mill-bidu nett, kelli opinjoni strateġika ħafna dwar il-ħidma tal-awditjar tal-RRF hekk kif kien u għadu essenzjali li l-awditi tagħna, li jsiru flimkien, jippermettulna nisiltu tagħlimiet mhux biss għall-RRF iżda wkoll għal strumenti simili futuri. L-awditi tal-prestazzjoni li pproponejt għall-RRF wara li ħdimt fuq l-opinjoni dwar ir-regolament ippermettew li jkollna ħarsa ġenerali komprensiva tad-disinn u l-funzjonament ta' dan l-istrument il-ġdid sena qabel it-tmiem tal-programm.

3. **X'valur miżjud tista' toffri lill-QEA fit-tieni mandat tiegħek u/jew b'mod partikolari fil-qasam li tkun responsabbli għalih? Tixtieq tibdel il-qasam ta' responsabbiltà tiegħek? X'jimmotivak?**

Fit-tieni mandat tiegħi, l-ewwel nixtieq nispiċċa l-ħidma tiegħi fuq l-RRF, b'mod partikolari li niffinalizza l-awditi tal-RRF li għaddejjin u dawk pjanati, bħat-trasparenza u t-traċċabbiltà tal-finanzjament tal-RRF, l-amministrazzjoni pubblika, l-edukazzjoni kif ukoll awditu relatat mar-riżultati u mal-impatt ġenerali tal-RRF. Dawn l-awditi jibnu fuq l-esperjenza tiegħi f'dan il-qasam u jkomplu jikkontribwixxu għat-titjib tat-tfassil ta' programmi simili futuri, u r-rabta mas-Semestru Ewropew inklużi r-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż.

Barra minn hekk, nixtieq nespandi l-portafoll tiegħi u ninvolvi aktar ruħi f'oqsma ta' politika u programmi oħra fi ħdan l-Awla IV, bħar-riċerka u l-innovazzjoni, il-kompetittività jew il-governanza ekonomika, l-awtonomija strateġika u s-sigurtà ekonomika. Dan jippermettili nibni fuq l-esperjenza miksuba permezz tal-awditi tiegħi dwar is-"Sinerġiji bejn Orizzont 2020 u Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej" u l-"Miżuri biex titwessa' l-parteċipazzjoni f'Orizzont 2020".

F'termini aktar ġenerali nemmen li, f'konformità mal-politika ta' rotazzjoni tal-QEA għall-awdituri u l-maniġers, ir-rotazzjoni għandha titqies ukoll għall-Membri, b'mod partikolari fil-każ ta' żewġ mandati. Konsegwentement, ma neskludix li nimxi għal Awla oħra.

4. **Kif tiżgura li tilħaq l-objettivi tal-awditjar pjanati f'kompitu tal-awditjar? Ġieli kont fis-sitwazzjoni fejn ma stajtx twettaq il-kompitu tal-awditjar, u għal liema raġunijiet? Kif topera f'tali sitwazzjonijiet kontroversjali?**

Minħabba l-kooperazzjoni tajba bejn it-timijiet tal-awditjar u l-uffiċċju tiegħi, irnexxieli nwettaq l-awditi kollha b'suċċess u f'konformità mal-ambitu definit. Għalhekk, qatt ma kont f'sitwazzjoni fejn ma stajniex niffinalizzaw awditu jew ma stajniex niksbu l-objettivi tal-awditjar. L-unika kwistjoni li kelli kienet id-dewmien tal-pubblikazzjoni għal xi awditi, minħabba fatturi barra mill-kontroll tagħna bħal aċċess temporanjament limitat għal evidenza għall-awditjar, il-kumplessità tal-evidenza provduta jew in-nuqqas ta' disponibbiltà ta' persunal ewlieni fl-Istati Membri jew fil-Kummissjoni.

F'każ li qatt kelli niltaqa' ma' ostakli sinifikanti li jpoġġu f'riskju l-finalizzazzjoni ta' awditu, kieku nipprova negħleb dawn l-ostakli permezz ta' komunikazzjoni miftuħa u kostruttiva li tippermettilna nsibu soluzzjoni flimkien. Nemmen bis-sħiħ li lkoll kemm aħna, bħala awdituri u entitajiet awditjati, għandna l-istess għan, li huwa li nipprovdu ħidma ta' kwalità għolja, u fl-aħħar mill-aħħar li niżguraw il-legalità, l-effettività u l-effiċjenza tal-programmi finanzjati pubblikament, inklużi dawk finanzjati mill-UE. Għalhekk, il-komunikazzjoni kostruttiva, li tipprova tifhem perspettivi differenti, u l-paċenzja huma elementi ewlenin biex tiġi riżolta b'suċċess kwalunkwe sitwazzjoni kontroversjali.

5. **Jekk tiġi kkonfermata mill-ġdid għat-tieni mandat u ipotetikament, jekk tiġi eletta Dekan ta' Awla fil-QEA, kieku inti kif tmexxi l-ħidma biex tiddefinixxi l-prijoritajiet tagħha? Tista' tagħtina żewġ jew tliet eżempji ta' oqsma li għandha ssir enfasi fuqhom fil-ġejjieni?**

L-Awla hija ġestita minn ilkoll kemm aħna flimkien - il-Membri tal-Awla u d-direttur. Għal dak il-għan, ir-rwol tad-Dekan huwa, bl-għajnuna tal-Membri l-oħra tal-Awla, li jieħu rwol attiv fid-definizzjoni tal-prijoritajiet tal-ħidma tagħna u għalhekk fl-għażla tal-awditi.

Fil-każ li niġi eletta bħala Dekan ta' Awla, kieku nagħti attenzjoni partikolari biex ikun hemm komunikazzjoni effettiva fi ħdan l-Awla u l-Qorti kif ukoll mal-partijiet ikkonċernati ewlenin tagħna, bħalek, meta niddefinixxu l-prijoritajiet tal-awditi. Fil-fehma tiegħi, dan jippermetti li jkollna ħarsa komprensiva lejn l-aktar oqsma rilevanti li għandna niffokaw fuqhom fil-ħidma tagħna u li niżguraw li t-twaqqit tal-awditi tagħna jimmassimizza l-valur miżjud tagħhom. Barra minn hekk, l-ippjanar komprensiv tal-awditi jeħtieġ li jkun strateġiku, u li jmur lil hinn mill-ippjanar fuq terminu qasir, iżda għandu jippermetti wkoll il-flessibbiltà, fejn meħtieġ.

Rigward l-oqsma li għandu jkun hemm fokus fuqhom (fl-Awla IV) fil-ġejjieni, jiena nqis il-kompetittività, il-governanza ekonomika u, bħala suġġett trażversali, is-simplifikazzjoni bħala estrememament rilevanti fid-dawl tal-isfidi li l-UE qed tiffaċċja bħalissa.

Għall-kompetittività, l-awditi tagħna jistgħu jiffokaw fuq l-oqsma tar-riċerka u l-iżvilupp u tal-funzjonament tas-suq uniku, bil-għan li tissaħħaħ il-kapaċità, jitneħħew l-ostakli u jinkisbu s-sinerġiji. Dan jinkludi riflessjoni dwar il-possibbiltajiet għal metodi aktar rapidi u sempliċi ta' finanzjament għal riċerka u proġetti xjentifiċi.

Fil-qasam tal-governanza ekonomika, ikun importanti li jiġu inklużi awditi relatati speċifikament ma' żminijiet ta' kriżi, bħal: il-prezzijiet tat-trasferiment jew jekk il-mudell ta' governanza ekonomika huwiex adattat għall-iskop f'dan ir-rigward.

Barra minn hekk, il-ħidma tal-QEA tista' potenzjalment iżżid valur konsiderevoli fil-proċess ta' simplifikazzjoni, pereżempju billi tivvaluta l-proċeduri ta' simplifikazzjoni differenti u kif dawn jistgħu jittejbu.

6. **Kieku kellek tiġġestixxi l-għażla ta' kompiti tal-awditjar fid-dawl tat-tħejjija tal-programm ta' ħidma annwali tal-QEA, fuq liema bażi tagħmel l-għażla tiegħek minn fost il-lista ta' prijoritajiet riċevuti mill-Parlament u/jew mill-Kumitat CONT?**

X'tagħmel jekk prijorità politika ma tikkorrispondix mal-valutazzjoni tar-riskju tal-QEA dwar l-attivitajiet tal-Unjoni?

Il-proċess ta' ppjanar fi ħdan il-QEA huwa ddettaljat ħafna u jinvolvi lill-awdituri u l-maniġers kollha, kif ukoll il-Membri kollha u l-uffiċċji tagħhom. Waqt l-ippjanar, aħna nqisu diversi fatturi differenti, eż. ir-riskji tal-politika, il-materjalità, it-twaqqit, il-kopertura tal-awditjar, l-impatt probabbli ta' awditu u l-interess tal-partijiet ikkonċernati. Dawn huma wkoll l-elementi ewlenin li nqisu meta nagħmlu l-għażla tagħna fost il-lista ta' prijoritajiet riċevuti mill-Parlament jew mill-kumitat CONT.

L-għażla tas-suġġetti tal-awditjar hija bbażata primarjament fuq il-valur miżjud potenzjali tagħhom, u għalhekk is-suġġetti ta' interess politiku u strateġiku importanti dejjem jitqiesu, anke jekk dawn jaf ma jkollhomx l-ogħla prijorità f'termini ta' riskju. Barra minn hekk, nixtieq nirrimarka li r-"riskju" għandu ħafna dimensjonijiet u ma għandux jiġi ridott għall-materjalità.

Kif tafu sew, l-għadd ta' proposti għall-awditi huwa sinifikament ogħla mill-għadd ta' awditi li nistgħu nwettqu kull sena. Xi proposti, għalkemm ikunu politikament rilevanti ħafna, jaf ma jiġux fi żmien ideali, eż. hekk kif l-implimentazzjoni tal-istrument tkun tinsab fi stadju bikri. Proposti oħrajn jaf ma jkunux kompletament fattibbli minħabba s-sitwazzjoni politika jew ta' sigurtà fil-qasam tal-awditjar jew saħansitra minħabba l-mandat tal-awditjar tagħna.
Huwa essenzjali li tinżamm l-indipendenza tagħna fid-definizzjoni tal-programm ta' ħidma tagħna, u r-riżorsi limitati inevitabbilment ifissru li mhux il-proposti kollha għall-awditi jistgħu jitqiesu jew ma jitqisux f'dak il-mument. Madankollu, l-input mill-partijiet ikkonċernati ewlenin tagħna huwa estremament ta' valur għalina u se jitqies dejjem. Huwa importanti wkoll li nispjegaw b'mod ċar ħafna lill-partijiet ikkonċernati, speċjalment lill-Parlament Ewropew, għaliex xi wħud mill-proposti ma ġewx inklużi fil-programm u jekk jistgħux jitqiesu jew le fil-ġejjieni.

Ġestjoni tal-portafoll, metodi ta' ħidma u riżultati

7. Il-produzzjoni ta' rapporti ta' kwalità għolja, robusti u f'waqthom hija kruċjali:

– **Kieku inti kif tiżgura li d-data użata f'awditu tkun affidabbli u li s-sejbiet ma jkunux obsoleti?**

– **Kieku inti kif ittejjeb il-kwalità u l-pertinenza tar-rakkomandazzjonijiet?**

Biex jiġi żgurat li d-data użata f'awditu tkun affidabbli, huwa importanti li nkunu nafu s-sorsi u li nifhmu eżatt kif id-data tinġabar, tiġi kkumpilata u vverifikata. Waqt li nkunu qed inwettqu l-awditi tagħna, dejjem nivvalutaw l-akkuratezza u l-kompletezza tad-data u nagħmlu kontroreferenza fejn meħtieġ, filwaqt li nqisu s-sors u n-natura tad-data u s-sistemi ta' kontroll fis-seħħ.

Nemmen li r-rakkomandazzjonijiet fir-rapporti tal-awditjar tagħna huma b'mod ġenerali ta' kwalità u pertinenza għolja. Kwalunkwe rakkomandazzjoni tajba jkollha l-għeruq tagħha f'ħidma solida tal-awditjar filwaqt li jitqiesu l-aspetti ta' fattibbiltà kif ukoll il-"valur għall-flus". Dawn l-aspetti kienu u se jkunu dejjem il-prinċipji li jiggwidaw ir-rakkomandazzjonijiet inklużi fir-rapporti tal-awditjar tiegħi.

B’mod ġenerali, l-ippjanar bir-reqqa, kif ukoll l-awditi f’waqthom u mmirati sew huma l-aħjar mod biex jiġi żgurat li l-osservazzjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet tagħna jiġu fil-ħin it-tajjeb u jkollhom l-impatt potenzjali massimu. Fil-fehma tiegħi, għandhom għalhekk jitqiesu awditi aktar iffokati u b’hekk aktar rapidi kull fejn ikun fattibbli.

8. L-għan tar-riforma tal-QEA huwa li tiġi stabbilita relazzjoni ta’ responsabbiltà aktar b’saħħitha bejn it-tim tal-awditjar u l-membru rapporteur:

– **Meta tqis l-esperjenza tiegħek, taħseb li r-rwol ta’ membru huwa li jkun aktar involut fil-ħidma tal-awditjar?**

– **Kieku inti tibdel il-mod kif taħdem ma’ tim tal-awditjar? Jekk iva, kif?**

Nemmen li l-Membru huwa fl-aħħar mill-aħħar responsabbli għall-awditjar, il-kwalità, ir-rilevanza u l-oġġettività tiegħu. Mhuwiex possibbli li jiġu ppreżentati r-riżultati tal-ħidma tal-awditjar u li jiġu promossi r-rakkomandazzjonijiet mingħajr fehim profond tal-qasam awditjat u tal-osservazzjonijiet. Huwa għalhekk essenzjali li l-Membru jaħdem mill-qrib mat-tim tal-awditjar u li jsegwi l-ħidma tal-awditjar. Personalment, nieħu pjaċir naħdem mat-timijiet, dejjem ikollna diskussjonijiet kostruttivi mill-għażla u l-ippjanar tal-kompitu għad-definizzjoni tal-ambitu u l-approċċ tal-awditjar u fl-aħħar nett l-abbozzar ta’ messaġġi u rakkomandazzjonijiet ewlenin. Nemmen bis-sħiħ li l-ħidma tagħna flimkien iġġib l-aħjar riżultati u tippermetti li nitgħallmu minn xulxin.

Hekk kif dejjem ħdimt mill-qrib mat-timijiet tal-awditjar, mhux beħsiebni nibdel dan l-approċċ fil-ġejjieni.

9. Xi jkunu s-suġġerimenti tiegħek biex il-funzjonament, il-programmazzjoni u l-ħidma (iċ-ċiklu tal-awditjar) tal-QEA jkomplu jittejbu u jiġu mmodernizzati? Wara l-ewwel mandat tiegħek, tista’ tagħtina aspett pożittiv tal-ħidma tal-QEA, u ieħor negattiv?

F’ambjent li qed jinbidel dejjem aktar malajr, id-durata tal-awditi tagħna hija xi ħaġa li jaf ikollna nirriflettu dwarha. Kif imsemmi hawn fuq, għandhom għalhekk jitqiesu awditi iqsar u aktar iffokati, jekk is-suġġett tal-awditjar ikun jippermetti dan.

Barra minn hekk, għandna nkomplu nħeġġu l-kooperazzjoni bejn l-awli tal-awditjar b’mod partikolari dwar kwistjonijiet trażversali bħall-RRF, l-indipendenza u s-sigurtà tal-enerġija, jew il-prijorità li issa qed issir dejjem aktar importanti, id-difiża. Din il-kooperazzjoni bejn l-Awli għandha tinkludi allokazzjoni flessibbli tar-riżorsi.

Għalija l-aktar aspett pożittiv tal-QEA huwa l-persunal tagħha – dawn huma kkwalifikati u motivati ħafna u jaħdmu qatigħ biex jagħtu ħidma tal-awditjar ta’ kwalità u rapporti sinifikattivi. Barra minn hekk, il-QEA hija ambjent ta’ appoġġ kbir li jħeġġeġ it-tagħlim kontinwu, it-titjib u l-progress. Il-fatt li l-awditi jitwettqu f’timijiet, jiffaċilita t-tagħlim minn xulxin u kultura ta’ solidarjetà u kolleġġjalità.

10. Skont it-Trattat, il-Qorti hija meħtieġa li tassisti lill-Parlament fl-eżerċizzju tas-setgħat ta’ kontroll tiegħu fuq l-implimentazzjoni tal-baġit sabiex jittejbu kemm is-sorveljanza pubblika tal-infiq ġenerali kif ukoll il-valur tiegħu għall-flus:

– **Bl-esperjenza tal-ewwel mandat tiegħek, kif tista’ tittejjeb aktar il-kooperazzjoni bejn il-Qorti tal-Awdituri u l-Parlament Ewropew (il-Kumitat**

għall-Kontroll tal-Baġit) dwar l-awditjar tal-baġit tal-UE?

Mill-esperjenza tiegħi, il-kooperazzjoni bejn il-QEA u l-Parlament Ewropew hija diġà tajba ħafna. Aħna stabbilejna djalogu kontinwu mal-Parlament, fosthom fejn il-Parlament jikkontribwixxi għall-għażla tal-kompiti tal-awditjar u fejn il-Membri tal-QEA jiġu mistiedna regolarment biex jippreżentaw rapporti tal-awditjar. Din il-kooperazzjoni hija kruċjali biex jiġi żgurat li nimmassimizzaw il-valur miżjud tal-awditi tagħna, b'mod partikolari fil-kuntest tal-proċedura ta' kwittanza.

Filwaqt li l-kooperazzjoni diġà hija pożittiva ħafna, naturalment dejjem nistgħu nintensifikaw jew nesploraw modi ġodda ta' kooperazzjoni bħal workshops konġunti jew briefings regolari għall-MPE f'oqsma ewlenin ta' interess. Sa ċertu punt, il-komunikazzjoni hija essenzjali u għandha dejjem tkun ġejja miż-żewġ naħat: Il-QEA għandha tkun taf l-isfidi li l-Parlament qed jiffaċċja u l-aħjar mod kif il-QEA tista' tappoġġjah fil-ħidma tiegħu filwaqt li l-Parlament għandu jkun konxju tal-possibbiltajiet kif ukoll tal-limitazzjonijiet li l-QEA jkollha fil-ħidma tagħha.

– **B'mod simili, kif jistgħu jissaħħu r-relazzjonijiet bejn il-QEA u l-istituzzjonijiet tal-awditjar nazzjonali?**

Il-kooperazzjoni mas-SAIs tal-UE sseħħ fi ħdan il-qafas tal-Kumitat ta' Kuntatt, b'kuntatti ta' kuljum li jinżammu permezz ta' uffiċjali ta' kollegament maħtura minn kull istituzzjoni.

Is-SAIs nazzjonali jkunu informati biż-żjarat għall-awditjar tagħna u jipparteċipaw regolarment f'dawn iż-żjarat bħala osservaturi. Barra minn hekk, il-QEA torganizza internships ta' 5 xhur għall-awdituri mis-SAIs tal-Pajjiżi Kandidati.

Filwaqt li l-kooperazzjoni mas-SAIs diġà hija pożittiva ħafna, tista' titħeġġeġ il-ħidma tal-awditjar koordinata f'oqsma ewlenin ta' interess komuni biex tkompli tissaħħaħ il-kooperazzjoni u jiżdied l-impatt potenzjali tal-ħidma tagħna. L-iskambju ta' persunal fil-forma ta' sekondar temporanju għandu wkoll jitkompla biex jiffaċilita skambju kontinwu ta' fehmiet u kooperazzjoni futura.

11. Kif se tappoġġja lill-Parlament biex jirnexxilu jqassar il-proċedura ta' kwittanza? X'azzjonijiet jistgħu jittieħdu min-naħa tiegħek?

Huma meħtieġa l-kooperazzjoni u l-impenn tal-istituzzjonijiet kollha involuti biex jiġu aċċellerati l-proċessi u jiġi evitat id-dewmien. Min-naħa tal-QEA, aħna nagħmlu sforz biex nagħtu prijorità lid-Dikjarazzjoni ta' Assigurazzjoni u niżguraw l-adozzjoni f'waqtha tad-dokumenti permezz ta' flessibbiltà f'termini ta' skedar ta' laqgħat tal-Qorti addizzjonali meta jkun meħtieġ. Bħala riżultat, irnexxielna nippubblikaw l-aħħar żewġ rapport annwali tagħna aktar minn xahar qabel l-iskadenza legali.

Dan huwa kkomplementat bi sforz simili għall-awditi tal-prestazzjoni tagħna. Dejjem ippjanajt l-awditi tal-prestazzjoni tiegħi b'mod li nkunu nistgħu, f'termini ta' kontenut kif ukoll ta' żmien, nappoġġjaw il-proċedura ta' kwittanza. Madankollu, huwa importanti li wieħed jinnota li ż-żmien meta jsiru r-rapporti tagħna jiddependi minn diversi fatturi, li wħud minnhom ikunu barra mill-kontroll tagħna.

Indipendenza u integrità

12. X'garanziji ta' indipendenza tista' tagħti lill-Parlament Ewropew, u kif tista' tiżgura li kwalunkwe attività passata, kurrenti jew futura li se twettaq ma tixħetx dubju fuq it-twettiq ta' dmirijietek fil-QEA?

Naħseb li l-aħjar garanzija li nista' nagħtik hija l-ħidma tiegħi fil-QEA fejn dejjem tkellimt favur ir-rispett tal-prinċipji bażiċi tal-legalità, ir-regolarità u l-ġestjoni finanzjarja tajba, irrispettivament miċ-ċirkostanzi. Nemmen li bħala awdituri indipendenti, jeħtiġilna dejjem niġġieldu għall-użu trasparenti tal-fondi pubbliċi u nwissu dwar kwalunkwe nuqqas li jkun ostaklu għar-rispett tal-prinċipji bażiċi tal-ġestjoni finanzjarja tajba.

Barra minn hekk, se nibqa' nimxi bis-sħiħ mal-Kodiċi ta' Kondotta għall-Membri tal-QEA. Ma għandi l-ebda interess kummerċjali jew attività esterna li tista' tqajjem xi dubju dwar l-indipendenza tiegħi u lanqas biss qatt nikkunsidra attività li tista' tikkomprometti t-twettiq tad-dmirijiet tiegħi bħala Membru tal-QEA.

13. Kieku inti kif tittratta irregolarità serja jew saħansitra każ ta' frodi u/jew korruzzjoni b'fondi tal-UE li jinvolvi persuni fl-Istat Membru ta' oriġini tiegħek? Kont f'din is-sitwazzjoni fil-mandat kurrenti tiegħek?

Nista' ntenni t-tweġiba tiegħi dwar l-istess mistoqsija għan-nomina għall-ewwel mandat tal-QEA, peress li kont u se nibqa' impenjata li nagħmel dan: Jiena nitkellem favur politika ta' tolleranza żero lejn il-frodi u l-korruzzjoni għaliex dawn huma estremament perikoluż għal kwalunkwe soċjetà – dawn jeqirdu l-kompetizzjoni u l-opportunitajiet għat-tkabbir u għall-iżvilupp. Huwa preċiżament permezz tal-identifikazzjoni u l-eliminazzjoni effiċjenti tal-korruzzjoni li nistgħu nipprovdu l-aħjar assistenza possibbli lill-Istati Membri tagħna. Ir-regoli jridu jiġu segwiti, u l-legalità u r-regolarità fl-użu tal-fondi pubbliċi huma l-pedament li minnu ma għandna qatt nippermettu kwalunkwe devjazzjoni.

Ma ltqajt ma' ebda każ ta' frodi, irregolarità jew korruzzjoni matul il-mandat kurrenti tiegħi.

14. L-eżistenza ta' kunflitt ta' interess tista' tagħti lok għal riskju għar-reputazzjoni tal-QEA. Kif tiġġestixxi kwalunkwe kunflitt ta' interess?

Jiena naqbel b'mod assolut li kunflitt ta' interess joħloq riskji għar-reputazzjoni tal-QEA. L-evitar ta' dawn il-kunflitti huwa fil-qalba tal-ħidma tiegħi u f'konformità mal-Kodiċi ta' Kondotta tagħna, jiena nevita kwalunkwe sitwazzjoni li tista' twassal għal kunflitt ta' interess, jew li tista' tiġi pperċepita b'mod oġġettiv bħala tali.

Jekk tinqala' sitwazzjoni bħal din, jiena nikkomunika l-kunflitt ta' interess potenzjali f'konformità mal-proċeduri tal-QEA u ma naċċetta l-ebda kompitu li għalih interess personali jista' jinfluwenza t-twettiq indipendenti tad-dmirijiet tiegħi. Sa issa ma kont f'ebda sitwazzjoni bħal din.

15. Int involuta f'xi proċedimenti ġudizzjarji? Jekk iva, ta' liema tip?

Le, ma jiena involuta fl-ebda proċediment ġudizzjarju.

16. X'impenji speċifiċi lesta li tieħu f'termini ta' trasparenza mtejba, aktar kooperazzjoni u segwitu effettiv għall-pożizzjonijiet tal-Parlament u t-talbiet għal awditi?

Għalija, it-trasparenza fil-prestazzjoni tal-affarijiet pubbliċi u fl-użu tal-fondi pubbliċi hija prinċipju fundamentali u wieħed mill-valuri ewlenin tiegħi, u jien nappoġġja bis-sħiħ l-isforzi li jikkontribwixxu għal trasparenza akbar. Ir-rekwiżiti tagħkom huma kruċjali f'dan ir-rigward, u jiena kont u dejjem se nkun lesta li nismagħkom u li nwieġeb għal kwalunkwe talba li jista' jkollkom rigward il-ħidma tal-awditjar tagħna. Għandna għan komuni, li huwa li nwasslu riżultati u valur għall-flus fl-implimentazzjoni tal-politiki u tal-programmi tal-UE, u huwa importanti li naqsmu l-għarfien u l-esperjenza tagħna. Qed nistenna bil-ħerqa kull stedina mill-Parlament biex jippreżenta r-rapporti tagħna, jew biex nieħu sehem f'diskussjonijiet tematiċi u fi kwalunkwe forma oħra ta' kooperazzjoni.

Mistoqsijiet oħra

17. Se tirtira l-kandidatura tiegħek għal tiġdid tal-mandat jekk l-opinjoni tal-Parlament dwar il-ħatra tiegħek għall-kariga ta' Membru tal-QEA ma tkunx favorevoli?

Jiena nqis li l-awtorità tal-Parlament Ewropew, li tirriżulta mil-leġittimità demokratika tal-MEPs eletti, trid tiġi osservata bis-sħiħ u d-deċiżjonijiet tagħhom iridu jiġu applikati. F'konformità ma' dan, fl-eventwalità ta' opinjoni negattiva mill-Parlament dwar il-ħatra tiegħi, jiena se nirtira l-kandidatura tiegħi.

18. Il-ħatra għall-kariga ta' Membru tal-QEA tirrikjedi attenzjoni u dedikazzjoni sħiħa lill-istituzzjoni nnifisha u li tiġi żgurata fiduċja fl-Unjoni fost iċ-ċittadini tagħha:

– **X'inhuma l-fehmiet tiegħek dwar l-aħjar mod kif tittieħed responsabbiltà għal dawn id-dmirijiet professjonali?**

Naqbel kompletament magħkom li l-fatt li wieħed ikun Membru tal-QEA jeħtieġ attenzjoni u dedikazzjoni sħiħa. Għalija, li tkun Membru tal-QEA jfisser li tkun dedikat u taħdem qatigħ. Aħna mmexxu bl-eżempju u jekk ma jkunux motivati u impenjati, ma nistgħux nistennew l-istess minn ħaddieħor. Barra minn hekk, aħna għandna obbligu lejn iċ-ċittadini tal-UE li nagħmlu l-almu tagħna u li nżidu l-valur mhux biss għall-istituzzjonijiet tal-UE iżda għalihom ukoll. U dan huwa dak li pprovajt nagħmel proprju mill-ewwel jum u se nkompli nagħmel dan fil-ġejjieni.

– **X'inhuma l-arranġamenti personali kurrenti tiegħek f'termini ta' għadd ta' jiem ta' preżenza fil-Lussemburgu? Qed tippjana li tibdel dawn l-arranġamenti?**

Jiena mxejt lejn il-Lussemburgu, flimkien mal-familja tiegħi, meta ngħaqadt mal-QEA. Jiena naħdem u ngħix fil-Lussemburgu u ma għandi l-ebda intenzjoni li nibdel dan fit-tieni mandat tiegħi.